QALA

Ref Nru: 40

Il-minuti ta' l-erbghin laqgha tal-hames legislatura tal-Kunsill Lokali Qala, li nzammet nhar il-Hamis 17 ta' Frar 2011 minflok nhar it-Tlieta 8 ta' Frar 2011, fil-5:00 ta' filghaxija, fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill.

Prezenti:

| | |
|---|---|
| Sindku: | Paul Buttigieg. |
| Vici Sindku | Dr Raymond Xerri. |
| Kunsillieri: | Paul Buttigieg.<br>Victor Grech.<br>Jesmond Borg. |
| Segretarja Ezekuttiva: | Marcia Borg |

**1 Talba.**

1.1 Il-laqgha nbdiet permezz ta' talba u giet preseduta mis-Sindku.

**2 Approvazzjoni tal-minuti tat-tmienja u tletin laqgha u tad-disgha u tletin laqgha.**

2.1 Peress li l-minuti tat-tmienja u tletin laqgha u tad-disgha u tletin laqgha tqassmu qabel, dawn gew ikkonsiderati bhala moqrija u gew approvati unanimament.

**3 Ghazla ta' l-offerti ghal kostruzzjoni ta' hitan tas-sajjieh u xoghol ta' preparazzjoni tas-sit relatat fi gnien ta' rikreazzjoni tal-Qala fi Triq l-Imgarr, Qala u Provvista, Installazzjoni u Kummissjoni ta' Sistema tas-Sigurta` ghal *Photovoltaic Units* installati fi gnien ta' rikreazzjoni tal-Qala fi Triq l-Imgarr, Qala.**

3.1 Ghazla ta' l-offerti ghal kostruzzjoni ta' hitan tas-sajjieh u xoghol ta' preparazzjoni tas-sit relatat fi gnien ta' rikreazzjoni tal-Qala fi Triq l-Imgarr, Qala.

3.2 Ghall-offerta ghal kostruzzjoni ta' hitan tas-sajjieh u xoghol ta' preparazzjoni tas-sit relatat fi gnien ta' rikreazzjoni tal-Qala fi Triq l-Imgarr, Qala li nharget ghal pubbliku, ngabru hames settijiet tad-dokumenti ghal din l-offerta u giet sottomessi zewg offerti minghand Pius Attard li joqghod Plot 10 'Attard House', Triq George Mac Adam, Xaghra u Road Construction Co. Ltd. Din l-offerta nfethet fil-pubbliku nhar it-Tnejn 31 ta' Jannar 2011 fl-10:00 ta' fil-ghodu fil-prezensa tas-Sindku Paul Buttigieg, tal-Vici Sindku Dr Raymond

Xerri, l-Kunsillier Jesmond Borg, s-Segretarja Ezekuttiva Marcia Borg u offerent Pius Attard. Il-prezzijiet li gew sottomessi gew mnizzlin f'skeda ta' l-offerti li giet annessa ma dawn il-minuti. Ghal din il-parti tal-laqgha gie mistieden il-Perit tal-Kunsill Edward Scerri fejn ta rapport dwar dawn iz-zewg offerti. Huwa kkonkluda li l-kumpanija ta' Road Construction Co. Ltd jidher li ghandha esperjenza dwar dan it-tip ta' xoghol filwaqt li Pius Attard jidher li qatt ma ghamel dan it-tip ta' xoghol. Il-Kunsillier Jesmond Borg semma li huwa ma jaqbilx li l-Kunsill ghandu jaghzel lil Road Construction Co. Ltd minhabba l-herba li din il-kumpanija qedha taghmel f'Ta' Muxi. Il-Vici Sindku Dr Raymond Xerri u l-Kunsillier Paul Buttigieg semmew li huma lanqas jaqblu. Il-Kunsillier Paul Buttigieg semma li din il-kumpanija qeghdha taghmel herba shiha fl-*area* Ta' Muxi vicin il-barriera tal-blat tal-qawwi fejn qed jintradam ir-raba u twaqqghu diversi hitan tas-sajjieh. U ghalhekk huwa ma jhoss li ghandu jinghata xoghol f'naha tal-Qala lil din il-kumpanjija sabiex jibnew hitan tas-sajjieh u tittranga l-*area* filwaqt li fi-naha l-ohra tal-Qala din l-istess kumpanija qed tkisser *area* ohra fil-Qala. Is-Sindku semma li din mhiex raguni valida ghalfejn wiehed m'ghandux jaghzel offerta, ghalhekk wara diskussjoni li hadet ftit fit-tul gie deciz li ghandu jigi kkonsultat l-Avukat tal-Kunsill dwar tistax tigi mwaqqa` l-offerta sabiex tinhareg offerta ohra.

3.3 Ghazla ta' l-offerta ghall-Provvista, Installazzjoni u Kummissjoni ta' Sistema tas-Sigurta` ghal *Photovoltaic Units* installati fi gnien ta' rikreazzjoni tal-Qala fi Triq l-Imgarr, Qala.

3.4 Ghall-offerta ghal Provvista, Installazzjoni u Kummissjoni ta' Sistema tas-Sigurita` ghal *Photovoltaic Units* installati fi gnien ta' rikreazzjoni tal-Qala fi Triq l-Imgarr, Qala, li nharget ghal pubbliku, ngabru hames settijiet tad-dokumenti ghal din l-offerta u gew sottomessi tlett offerti minghand Eagle Security System, Alberta u V. Saliba and Sons Ltd. Dawn l-offerti nfethu fil-pubbliku nhar it-Tnejn 7 ta' Frar 2011 f'nofs in-nhar fil-prezensa tas-Sindku Paul Buttigieg, l-Kunsillier Jesmond Borg u l-Kunsillier Paul Buttigieg. Il-prezzijiet li gew sottomessi gew mnizzlin f'skeda ta' l-offerti li giet annessa ma dawn il-minuti. Gie trattata rapport ta' evalwazzjoni li pprepara l-inginier Renzo Curmi ta' Galea Curmi Engineering. Skond dan ir-rapport gie irrikkmandat V Saliba and Sons Ltd. peress li l-offerta sottomessa hija skond l-specifikazzjonijiet ta' l-offerta. Wara diskussjoni l-Kunsill unanimament iddecida li tigi maghzula l-offerta V. Saliba and Sons Ltd.

**4 Ghazla ta' kwotazzjonijiet ghal Servizz ta' *Projects Manager* (li jinkludi Perit u *Projects Coordinator) u* Provvista u Installazzjoni ta' *turf* sintetiku fi gnien ta' rikreazzjoni tal-Qala fi Triq l-Imgarr, Qala.**

4.1 Ghazla ta' kwotazzjonijiet ghal Servizz ta' *Projects Manager* (li jinkludi Perit u *Projects Coordinator).*

4.2 Ghall-kwotazzjonijiet ghal Servizz ta' *Projects Manager* (li jinkludi Perit u *Projects Coordinator)*, li nharget ghal pubbliku, ngabru zewg settijiet tad-dokumenti ghal din l-kwotazzjoni u gew sottomessi zewg kwotazzjonijiet minghand Perit William Lewis u l-Perit Edward Scerri. Dawn il-kwotazzjonijiet nfethu fil-pubbliku nhar it-Tnejn 31 ta' Jannar 2011 fl-10:00 ta' filghodu fil-prezensa tas-Sindku Paul Buttigieg, il-Vici Sindku Dr Raymond

Xerri, il-Kunsillier Jesmond Borg u s-Segretarja Ezekuttiva Marcia Borg. Il-prezzijiet li gew sottomessi gew mnizzlin f'skeda tal-kwotazzjonijiet li giet annessa ma dawn il-minuti. Il-Kunsill studja u ddiskuta l-prezzijiet li gew offruti u wara dan il-Kunsill unanimament iddecida li tigi maghzula l-kwotazzjoni tal-Perit Edward Scerri peress li huwa l-Perit li pprepara l-ispecifikazzjonijiet ta' l-offerta ghal kostruzzjoni ta' hitan tas-sajjieh u xoghol ta' preparazzjoni tas-sit relatat fi gnien ta' rikreazzjoni tal-Qala fi Triq l-Imgarr, Qala kif ukoll huwa pprepara l-applikazzjoni flimkien mal-pjanti ghal permess ta' zvilupp ghal gnien ta' rikreazzjoni fi Triq l-Imgarr; l-*area* fejn ser isir dan l-istess xoghol.

4.3 Ghazla ta' kwotazzjoni ghal Provvista u Installazzjoni ta' *turf* sintetiku fi gnien ta' rikreazzjoni tal-Qala fi Triq l-Imgarr, Qala.

4.4 Ghal l-ghazla ta' kwotazzjoni ghal Provvista u Installazzjoni ta' *turf* sintetiku fi gnien ta' rikreazzjoni tal-Qala fi Triq l-Imgarr, Qala li nharget ghal pubbliku, gew sottomessi tlett kwotazzjonijiet minghand F. Zammit Nurseries, 240 Ltd. u JGC Ltd. Dawn il-kwotazzjonijiet nfethu fil-pubbliku nhar it-Tnejn 7 ta' Frar 2011 f'nofs in-nhar fil-prezensa tas-Sindku Paul Buttigieg, il-Kunsillier Jesmond Borg u l-Kunsillier Paul Buttigieg. Il-prezzijiet li gew sottomessi gew mnizzlin f'skeda tal-kwotazzjonijiet li giet annessa ma dawn il-minuti. Il-Kunsill studja u ddiskuta l-prezzijiet li gew offruti kif ukoll is-*samples* tat-*turf*. Il-Kunsill ghogbu s-*sample* ta' F. Zammit Nurseries u ghalhekk il-Kunsill unanimament iddecida li tigi maghzula l-kwotazzjoni ta' F. Zammit Nurseries.

## *5* ***Picnic area*** **parti mill-progett ta' gnien sportiv u rikreazzjoni fl-*****area*** **maghrufa bhala Ta' Grunju fi Triq l-Imgarr, Qala.**

5.1 Ix-xoghol fuq il-*picnic area* li huwa parti mill-progett ta' gnien sportiv u rikreazzjoni fl-*area* maghrufa bhala Ta' Grunju fi Triq l-Imgarr, Qala qed isir. Huwa semma li twahhlu l-bankijiet u l-imwejjed tal-*picnic* u li nhar it-Tnejn li gej ser jitwahhlu z-zewg *gazebo's* mid-Dipartiment tal-Manifattura u Servizzi. Huwa semma li dan id-Dipartiment ser jaghmel wkoll xoghol ta' manutenzjoni fuq iz-zewg *gazebo's* l-ohra ezistenti fi 'Gnien il-Familja'. Gie trattat ukoll kopja tal-ftehim li gie ffirmat bejn il-Kunsill Lokali u l-Awtorita` ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar dwar fondi ta' €47,356.00 li ser jinghataw lil Kunsill ghal installazzjoni ta' *photovoltaic panels* f'dan il-gnien.

## 6 Tkomplija tax-xoghol ta' restawr tal-Fortizza ta' Sant Antnin.

6.1 Is-Sindku ta rendikont tax-xoghol ta' restawr tal-Fortizza ta' Sant Antnin li sar ricentament u li qed isir bhalissa. Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lil President ta' Din l-Art Helwa fejn giet mitluba laqgha sabiex jigu diskussi diversi materji fuq dan il-progett. Gew trattati wkoll l-erba` *interim payments* ppreparati mill-Perit tal-Kunsill Edward Scerri.

QALA

## 7 Vakanza ta’ skrivan (skala 15).

7.1 Nhar il-Gimgha 21 ta' Jannar 2011 saru l-intervisti lill-kandidati tal-*part 3* izda rrizulta li ma kien hemm ebda kandidat adattat ghal din il-vakanza u ghalhekk ma ntghazel hadd. Il-Kunsill iddecida li jitlob lill-Korporazzjoni ghall-Impjieg u Tahrig sabiex imur ghal pass li jmiss.

## 8 Sala tal-Kommunita` fic-Centru Civiku Qala – Bidu tax-xogholijiet.

8.1 Is-Sindku semma li fil-gimghat li gejjien ser jinghata bidu ghax-xogholijiet fuq is-Sala tal-Komunita` fic-Centru Civiku Qala.

## 9 Bidu tax-xogholijiet ta’ *resurfacing* bit-tarmak fi Triq is-Salib u Triq Santa Marija tal-Qala u l-iskema PPP

9.1 Is-Sindku semma li ser jinghata bidu fuq ix-xogholijiet ta' *resurfacing* bit-tarmak fi Triq is-Salib u Triq Santa Marija tal-Qala. Huwa semma li l-prezzijiet ta' l-offerti l-godda fejn tidhol l-iskema tal-PPP qeghdin ikunu gholjin hafna u li l-Kunsill ikun jaqbillu li juza t-*tender* li ghandu fil-prezent u ma jahdimx bl-iskema tal-PPP. Il-Kunsill qabel ma dan. Giet trattata xi korrispondenza li saret bejn il-Kunsill u d-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fuq din il-materji datati 16 ta' Novembru 2010, 30 ta' Novembru 2010, 3 ta' Dicembru 2010 u l-10 ta' Jannar 2011.

## 10 *Green Challenge Awards* – finalisti fil-*picnic area* fi Triq l-Imgarr, Qala.

10.1 Il-Kunsill ircieva ittra minghand Cynthia Misokova *Policy Coordinator – Local Councils and Public Dialogue* fis-Segretarjat ghall-Konsumatur, Kompetizzjoni Gusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika fejn il-Kunsill gie nformat li gie nnominat ghall-inizjattiva *Green Challenge Award*. Dan l-*award* huwa ghal *picnic area* fi Triq l-Imgarr, Qala.

## 11 Skema tal-Vodafone – wiehed mill-hames Kunsilli Lokali rebbieha dwar il-*picnic area* fi Triq l-Imgarr, Qala.

11.1 Il-Kunsill ircieva ittra minghand Deborah Pace Segretarja tal-Bord ta' Evalwazzjoni fid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn il-Kunsill gie nformat li l-Bord approva l-applikazzjoni tal-Kunsill ghall-ghajnuna finanzjarja fuq il-progett sabiex raba' abbandunat u mitluq jigi konvertit f' *picnic area*. Il-Kunsill ser jinghata €4,000 mill-Kumpanija Vodafone.

QALA

**12 Skema Eko Ghawdex – zewg applikazzjonijiet Muzew Folkloristiku u twessieh tal-*ground* tal-*football* ezistenti.**

12.1 Gew sottomessi zewg applikazzjonijiet ghall-iskema ghal ghajnuna finanzjarja ghal progetti tal-Kunsilli Lokali u Kumitati Amministrattivi l-kontribuzzjoni taghhom ghall-implementazzjoni ta' Eco-Gozo *short measures* (2010-2012) li nharget mill-Ministeru ghal Ghawdex. Applikazzjoni minnhom ghat-twessieh tal-*ground* tal-*football* ezistenti fi Triq l-Imgarr u l-applikazzjoni l-ohra ghal Muzew Folkloristiku fi Triq it-28 t'April 1688. Gew trattati dawn iz-zewg applikazzjonijiet.

**13 Bandla gdida fi 'Gnien il-Familja'.**

13.1 Is-Sindku semma li fi 'Gnien il-Familja' hemm *area* li kienet saret bhala *pitch* tal-bocci imma sfortunatament din qatt ma ntuzat ghal dan il-ghan u ghalhekk minflok li qeghdha hemm ma tintuza ghal xejn, issuggerixxa li ghandha titwahhal bandla. Il-Kunsill qabel ma dan. Ghalhekk gie deciz li ghandha jsir applikazzjoni taht l-iskema ta' l-*Urban Improvement Fund* tal-MEPA sabiex il-Kunsill jinghata l-fondi sabiex titwahhal bandla f'din l-*area*. Giet trattata stima dwar bandla mibghuta minn John G Cassar Ltd.

**14 Evalwazzjoni ta' l-attivitajiet li gew organizzati fi zmien il-Milied 2010.**

14.1 Il-Kunsill iddiskuta l-attivitajiet li gew organizzati fi zmien il-Milied 2010 li kienu ta' success.

**15 Programm ghall-Karnival 2011.**

15.1 Is-Sindku ta rendikont tal-programm ghall-Karnival 2011. Il-Kunsill qabel ma dan il-programm. Kopja ta' dan il-programm gie anness ma dawn il-minuti.

**16 Applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp bin-numru PA 04811/10 – *Renewal of permission* PA 3105/05 – *Hard stone quarry. To extract and crush coralline rock.***

16.1 Gew mibghuta zewg ittri mill-Kunsill lic-*Chairman* tal-MEPA. Ittra minnhom dwar il-permess bin-numru PA 01265/03 dwar kundizzjoni li hemm fil-permess ghall-hlas ta' fondi lill-Kunsill ghal manutenzjoni tat-toroq u l-ittra l-ohra dwar is-sitwazzjoni tal-barrieri tal-blat tal-qawwi li jinsabu fil-lokalita` tal-Qala. Giet trattata notifiki t'avviz mibghuta minn Charles Gafa ghad-Direttur ta' l-Ippjanar ta' l-Awtorita` ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, b'referenza ECF 00606/10, fejn b'din l-istess notifika nforma lill-Kunsill li l-Awtorita` harget Avviz ta' Infurzar u kopja ta' din qed tigi annessa ghall-attenzjoni tal-Kunsill.

**17 Skema dwar inizjattivi ta' attivitajiet 2011 – ghotja ta' €7,000 *Qala International Folk Festival 2011.***

17.1 Il-Kunsill ircieva ittra minghand id-Direttur Generali (Informazzjoni, Gvern Lokali u Konsultazzjoni Pubblika) Martin Bugelli mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar *memo* 95/2010–skema dwar inizjattivi ta' attivitajiet 2011 fejn il-Kunsill gie nformat li ser jinghata €7,000 ghas-sitt edizzjoni tal-*Qala International Folk Festival* 2011.

**18 Kunsill Lokali Zaghzagh Qalin.**

18.1 Is-Sindku semma li l-Kunsill Lokali Zaghzagh Qalin beda jiffunzjona u li z-zaghzagh li jifformaw dan il-Kunsill qed jiltaqghu regolarment.

**19 Materji ohra.**

19.1 Is-Sindku semma li nghata bidu ghax-xoghol ta' *resurfacing* bit-tarmak mill-Korporazzjoni Enemalta ta' parti minn Triq il-Papa Piju IX. Huwa semma li waqt it-tqaxxir tat-triq nstab li kien hemm xi problema fis-servizz tad-drenagg u ghalhekk ser tigi solvuta din il-problema qabel ma jsir ix-xoghol ta' *resurfacing* bit-tarmak. Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lir-residenti li joqghodu f'din il-parti tat-triq fejn gew informati dwar ix-xoghol li ser isir. Is-Sindku semma wkoll li ser isir il-levellar ta' Triq il-Kappillan Dun Guzepp Vella.

19.2 Is-Sindku semma li saru wkoll zewg *press conferences* wahda dwar il-ktieb Salvu Attard Il-Magistrat tal-Qala nhar il-21 ta' Dicembru 2010 u l-ohra dwar il-ktieb *Trades and Crafts in the Maltese Islands* nhar is-17 ta' Frar 2011.

19.3 Il-Kunsill unanimament approva li jaghti 10% *performance bonus* lis-Segretarja Ezekuttiva Marcia Borg, li jinghata fi tmiem tas-sena finanzjarja tal-Kunsill.

19.4 Is-Sindku semma li s-Segretarja Ezekuttiva Marcia Borg ghandha xi granet mill-*vacation leave* tas-sena 2010 li ma giex mehud. Ghalhekk gie mitlub l-permess tal-Kunsill sabiex dawn il-granet jigu akkumulati ghal ma din is-sena, jigifieri ghas-sena 2011. Il-Kunsill unanimament approva din it-talba.

19.5 Peress li ghall-offerta ghall-Konverzjoni u xogholijiet sabiex bini li jinsab fi Triq it-28 t'April 1688, Qala jigi konvertit f'Muzew Folkloristiku gdid, giet sottomessa offerta wahda s-Sindku semma li gie kkonsultat il-Perit tal-Kunsill Edward Scerri dwar jekk il-prezzijiet humiex ragunevoli. Il-Perit semma li l-prezzjijiet huma ragunevoli. Ghalhekk il-Kunsill unanimanent accetta l-offerta ta' Simon Sultana li joqghod Flt 2, Cherry Court, Triq Gnien Imrik, Xaghra.

19.6 Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lil Perit R Axiaq fl-MEPA dwar ilmenti dwar bankina li saret fi Triq it-28 t`April 1688 u li qed tohloq periklu kbir kemm ghas-sewwieqa kif ukoll

QALA

ghan-nies li jkunu mexjin. Il-Kunsill ircieva ittra minghand il-Perit fejn semma li dan l-ilment qed jghaddih lill-Perit Alex Borg.

19.7 Giet mibghuta ittra mill-Kunsill datata 9 ta' Dicembru 2010 lic-*Chairman* tal-MEPA dwar l-applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp bin-numru PA 2442/10.

19.8 Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lic-*Chairman* tat-Transport Malta, dwar problema ta' l-ilma fi Triq ta' Kassja. Il-Kunsill ircieva ittra minghand ic-*Chairman* fejn informa lill-Kunsill li l-ittra ser jghadduha lill-Ministeru ghal Ghawdex ghal konsiderazzjoni taghhom.

19.9 Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lil Charmaine Calleja ghad-Direttur ta' l-Ippjanar, dwar il-permess PA 2516/04 fejn il-Kunsill ikkonfirma li s-sit fejn kien hemm il-kiosk f'Hondoq ir-Rummien originalment, rega` gie ghas-stat li kien.

19.10 Gew mibghuta zewg ittri mill-Kunsill lir-Ruben Said *Manager* fit-*Transport Malta*. Ittra minnhom dwar proposta sabiex fi Triq ir-Rebha isiru *double yellow lines* u l-ittra l-ohra dwar talba ghal *one way* fi Triq it-30 t'Ottubru 1948. Il-Kunsill ircieva ittra minghand Ruben Said fejn informa lill-Kunsill li l-*Gozo Traffic Management Unit* ma jsibx oggezzjoni ghal proposta fi Triq ir-Rebha.

19.11 Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lil Deborah Pace fid-Dipartiment ghal Gvern Lokali fejn saret applikazzjoni ghall-iskema ghall-ghajnuna lill-Kunsilli Lokali li ghandhom ir-responsabblita ta' librerija lokali.

19.12 Giet mibghuta ittra ta' accettazzjoni lil Kevin Abela li joqghod 'Casa Abela', Triq San Guzepp, Qala ghall-offerta ghal xogholijiet fuq is-Sala tal-Kommunita` fic-Centru Civiku Qala, Kunsill Lokali Qala, Triq l-Isqof Mikiel Buttigieg, Qala.

19.13 Giet trattata *sketch* mibghuta minn Catherine Pace fejn talbiet il-permess tal-Kunsill sabiex isir monument zghir ghal-habiba taghha Helen Salamone Reynaud fil-bajja taz-Zriezaq, Qala. Il-Kunsill ma sab ebda oggezzjoni ghal dan.

19.14 Giet trattata ittra u *debtor statement* ta' €82.60 minghand Anton Muscat *General Manager* Koptaco Coaches. Il-Kunsill kien organizza harga ghall-Malta fejn kienu gew ordnati zewg *coaches* bl-*aircondition*. Dakinhar tal-harga, li kienet fis-sajf, il-Kunsill talab sabiex l-*airconditions* jigu mixghula izda dawn l-*airconditions* baqghu ma nxteghlux. Ghalhekk x'hin wasal il-kont ta' €330.40 sar hlas biss ta' €247.80. Il-Kunsill qabel li l-komplament tal-kont li jammonta ghal €82.60 m'ghandux jithallas.

19.15 Is-Sindku semma li nhar il-Hamis 9 ta' Dicembru 2010 saret laqgha ma xi ufficjali tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma dwar diversi problemi li jezistu fil-lokalita` tal-Qala fejn jikkoncerna s-servizz tad-Drenagg fosthom fi Triq l-Imgarr, zewg partijiet fi Triq il-Kuncizzjoni u Triq Wied Simar.

## 20 Korrispondenza.

20.1 Gew trattati l-ittri li gejjien:

20.2 Ittra mibghuta minn Joseph u Francine Scerri li joqghodu 11, 'Sea Bliss', Triq Ganni Vella, Qala fejn talbu ghajnuna finanzjarja sabiex jinstallaw *lift* fid-dar taghhom minhabba t-tifel taghhom li huwa b'disabilita`. Il-Kunsill iddiskuta li ma jistax jaghti din it-tip ta' ghajnuna u ghalhekk iddecida li x'hin il-Kunsill jorganizza harga ghall-anzjani u nisa, l-gbir ta' flus mit-tombla ecc. ikunu ghal din il-familja.

20.3 Zewg ittri mibghuta mis-Segretarju Ezekuttiv Ian Paul Bajada mir-Regjun Ghawdex dwar *Arka Respite Centre Request.*

20.4 Ittra mibghuta minn Pierre Mejlak mis-Segretarjat Parlamentari ghall-Konsumatur, Kompetizzjoni Gusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika fejn il-Kunsill gie nformat li l-applikazzjoni tal-Kunsill ghall-ghajnuna fil-ko-finanzjament tal-progett imsejjah *'Exploring and Improving Qala's quality of life through heritage trail'* giet meqjusa bhala eligibbli ghall-ghajnuna mill-fond tal-ko-finanzjament.

20.5 Ittra mibghuta minn Assistant Principal Deborah Pace ghad-Direttur Generali (Informazzjoni, Gvern Lokali u Konsultazzjoni Pubblika) fid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar Belt Kapitali Ewropea tal-Kultura.

20.6 Ittra mibghuta minn Martin Bugelli Direttur Generali (Informazzjoni, Gvern Lokali u Konsultazzjoni Pubblika) fid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali, dwar l-allokazzjoni finanzjarja 2011.

20.7 Ittra mibghuta minn Joseph Cutajar ghalliem tas-sitt sena ta' l-Iskola Primarja Il-President Anton Buttigieg, Qala, fejn huwa jixtieq jinnomina lil Mrs Effie Brown ghal Premju Unur Gieh il-Qala. Il-Kunsill iddiskuta li ghadu ftit taz-zmien peress li l-attivita jsir fl-ahhar tas-sena izda gie deciz li din in-nomina ghandha tigi kkonsidrata x'hin jasal iz-zmien ta' preparazzjoni ghal din l-attivita.

20.8 Ittra mibghuta minn Raymond G. Zammit Assistant Kummissarju Regjun B mill-Pulizija ta' Malta, dwar koperazzjoni iktar b'sahhita u effettiva fil-kommunita.

20.9 Ittra mibghuta minn Jean-Pierre Aquilina *Policy Analyst* mill-*Malta Communications Authority*, fejn irringrazzja lil Kunsill talli accetta li jintuza l-ufficcju tal-Kunsill sabiex isiru *public information sessions* ghar-residenti tal-Qala dwar *digital switchover campaign*.

20.10 Ittra mibghuta minn Nirvana Azzopardi mill-Korporazzjoni Enemalta, dwar *talks* minn zewg inginieri dwar *smart use of energy*.

20.11 Ittra mibghuta minn Stanley Portelli *Chief Executive Officer* minn *Transport Malta* fejn anness ma l-ittra bghat linji ta' gwida fuq immanigjar tat-traffiku waqt xogholjiet fit-toroq.

QALA

20.12 Ittra mibghuta minn Xavier Hancock *Managing Director* u Cornil Wambergue *Operations Director* minn *Gozo Adventures*, fejn talbu l-permess tal-Kunsill ghall-attivita li huma jixtiequ jaghmlu fil-lokalita`.

Il-laqgha ntemmet fit-9:30 ta' fil-ghaxija. Laqgha ohra giet stabbilita ghal nhar il-Hamis 14 t' April 2011.

____________________

Paul Buttigieg
Sindku

____________________

Marcia Borg
Segretarja Ezekuttiva